



**KUNSILL  
TAL-UNJONI EWROPEA**



15389/12

(OR. en)

PRESSE 445  
PR CO 57

## **STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA**

It-3195 laqgħa tal-Kunsill

### **Ġustizzja u Affarijiet Interni**

Lussemburgu, 25 u 26 ta' Ottubru 2012

|           |                                                                                                                                               |
|-----------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| President | <b>Is-Sinjura Eleni MAVROU</b><br>Ministru tal-Intern<br><b>Is-Sur Loukas LOUKA</b><br>Ministru tal-Ġustizzja u l-Ordni Pubblika<br>ta' Ċipru |
|-----------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|

## **L - I S T A M P A**

---

Rue de la Loi 175 B – 1048 BRUSSELL Tel.: +32 (0)2 281 2074 / 6319 Fax: +32 (0)2 281 8026  
[press.office@consilium.europa.eu](mailto:press.office@consilium.europa.eu) <http://www.consilium.europa.eu/Newsroom>

15389/12

## Riżultati ewlenin tal-Kunsill

*Il-Ministri tal-Affarijiet Interni approvaw l-istabbiliment ta' **Programm ta' Protezzjoni Reġjonali għas-Sirja**, b'reazzjoni għall-kriżi Sirjana. Huma kellhom ukoll dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-proposta għal deċiżjoni dwar **Mekkaniżmu ta' Protezzjoni Ċivili tal-Unjoni** u ħadu nota tas-sitwazzjoni attwali fir-rigward tal-applikazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet tal-**acquis ta' Schengen fil-Bulgarija u r-Rumanija** kif ukoll l-istabbiliment ta' **Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA)**.*

*Il-Kunsill imbagħad adotta konklużjonijiet dwar il-**protezzjoni ta' miri faċli minn attivitajiet terroristiċi** u ħa nota ta' rapport ta' implimentazzjoni dwar it-tisħiħ tar-rabtiet bejn **l-aspetti interni u esterni tal-ġlieda kontra t-terroriżmu**. Il-Kummissjoni ppreżentat rapport dwar it-**traffikar illiċitu ta' armi tan-nar** u l-Ungerija informat lill-Ministri dwar l-eżitu ta' konferenza li tirrigwarda **l-Forum ta' Salzburg** dwar il-**kooperazzjoni tal-pulizija**. Il-presidenza tat ħarsa ġenerali fil-qosor lejn is-sitwazzjoni attwali ta' għadd ta' **proposti leġiżlattivi oħrajn** fil-qasam tal-affarijiet interni.*

*Il-Kumitat Imħallat (l-UE flimkien man-Norveġja, l-Islanda, il-Liechtenstein u l-Isvizzera), imlaqqa' fil-marġni tal-Kunsill, eżamina wkoll il-kwistjoni tal-**adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija ma' Schengen**. Imbagħad huwa analizza s-sitwazzjoni attwali fir-rigward tal-implimentazzjoni tas-**Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II)** kif ukoll żviluppi u xejriet b'rabta mal-**immigrazzjoni illegali** kif qed jolqtu lill-UE attwalment. F'dan il-kuntest, il-kumitat ingħata tagħrif dwar il-**Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali tal-Greċja** dwar ir-**Riforma fl-Asil u l-Ġestjoni tal-Migrazzjoni**. Il-Kummissjoni ppreżentat ukoll it-tielet rapport tagħha dwar il-**monitoraġġ wara l-liberalizzazzjoni tal-viża għall-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent**.*

*Il-Ministri tal-ġustizzja ħadu kont tas-sitwazzjoni attwali u kellhom dibattitu dwar żewġ proposti għal direttivi: waħda dwar **sanċjonijiet kriminali għal abbuż minn informazzjoni privileġġata u manipolazzjoni tas-suq** ("Direttiva dwar l-Abbuż tas-Suq") u waħda dwar **l-iffriżar u l-konfiska tar-rikavat minn attività kriminali** fl-UE.*

*Il-Ministri mbagħad iddiskutew ir-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fir-rapport finali dwar il-**ħames ċiklu ta' evalwazzjonijiet reċiproċi**, li kien iddedikat għall-**kriminalità finanzjarja u l-investigazzjonijiet finanzjarji**.*

*Il-Kunsill sema' preżentazzjoni mill-Kummissjoni tal-proposta tagħha għal direttiva dwar il-**ġlieda kontra l-frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali**.*

*Barra minn hekk, il-Kunsill ħa nota tas-sitwazzjoni attwali ta' reviżjoni tad-Direttiva tal-1995 dwar il-**protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data** (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data).*

*Fl-aħħar nett, iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA) ippreżenta r-rapport tal-2012 dwar l-istat tal-problema tad-droga fl-Ewropa.*

***Punti importanti adottati mingħajr diskussjoni (punti A) jinkludu l-ftehim politiku li ntlaħaq mal-Parlament Ewropew dwar id-direttivi dwar il-kondizzjonijiet ta' akkoljenza li huwa parti mill-pakkett ta' dossiers leġislattivi dwar is-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA) kif ukoll regoli ġodda biex jiġi simplifikat l-aċċess għall-fondi tal-UE. Fajl ieħor importanti mhux leġislattiv adottat bħala punt A huwa l-ewwel aġġornament biannwali ta' 'L-Azzjoni tal-UE dwar Pressjonijiet Migratorji - Risposta Strateġika', li fiha aktar minn 90 attività bil-għan li jiġġieldu kontra u jeliminaw il-migrazzjoni illegali.***

**WERREJ<sup>1</sup>**

|                           |          |
|---------------------------|----------|
| <b>PARTEĊIPANTI .....</b> | <b>7</b> |
|---------------------------|----------|

**ITEMS DEBATED**

|                                                                        |    |
|------------------------------------------------------------------------|----|
| Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA) .....                           | 9  |
| Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili .....                   | 10 |
| Adeżjoni ma' Schengen: Rumanija / Bulgarija .....                      | 11 |
| Sirja: Programm Reġjonali ta' Protezzjoni.....                         | 12 |
| Ġlieda kontra t-terroriżmu: Protezzjoni ta' miri faċli.....            | 13 |
| Ġlieda kontra t-terroriżmu: Rabta bejn aspetti interni u esterni ..... | 13 |
| Iffriżar u konfiska tar-rikavat minn attività kriminali .....          | 14 |
| Kriminalità finanzjarja u investigazzjonijiet finanzjarji .....        | 14 |
| Stat tal-problema tad-droga.....                                       | 15 |
| Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE.....                      | 15 |
| Ipproċessar ta' data personali .....                                   | 16 |
| Abbuż minn informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq .....   | 16 |
| Affarijiet oħra.....                                                   | 18 |

<sup>1</sup>

- Meta dikjarazzjonijiet, konklużjonijiet jew riżoluzzjonijiet ikunu ġew adottati formalment mill-Kunsill, dan ikun indikat fl-intestatura tas-suġġett ikkonċernat u t-test jitqiegħed bejn il-virgoletti.
- Id-dokumenti li r-referenzi tagħhom jingħataw fit-test qegħdin fis-sit tal-Internet tal-Kunsill <http://www.consilium.europa.eu>.
- Atti adottati b'dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill li jkunu jistgħu jinħarġu għall-pubbliku huma indikati b'asterisk; dawn id-dikjarazzjonijiet qegħdin fuq is-sit tal-Internet tal-Kunsill imsemmi hawn fuq jew jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Istampa.

|                                                                                                    |    |
|----------------------------------------------------------------------------------------------------|----|
| Kumitat Imħallat .....                                                                             | 19 |
| -Monitoraġġ wara l-liberalizzazzjoni tal-viża għall-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent .....           | 19 |
| -Adezzjoni ma' Schengen: Rumanija / Bulgarija .....                                                | 19 |
| -Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali tal-Greċja dwar ir-Riforma tal-Asil u l-Ġestjoni tal-Migrazzjoni..... | 20 |
| -Immigrazzjoni illegali.....                                                                       | 20 |
| -SIS II.....                                                                                       | 21 |
| -Affarijiet oħra .....                                                                             | 21 |

## OTHER ITEMS APPROVED

### *ĠUSTIZZJA U AFFARIJET INTERNI*

|                                                                                          |    |
|------------------------------------------------------------------------------------------|----|
| – Il-kondizzjonijiet ta' akkoljenza ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali..... | 22 |
| – Traffikar tal-Bned min .....                                                           | 22 |
| – Azzjoni tal-UE dwar Pressjonijiet Migratorji.....                                      | 22 |
| – Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar ir-Radikalizzazzjoni u r-Reklutaġġ.....                   | 22 |
| – Ftehimiet ta' Kooperazzjoni mas-CEPOL.....                                             | 23 |
| – EU CULTNET .....                                                                       | 23 |
| – Skambju awtomatizzat ta' data ma' Ċipru .....                                          | 23 |
| – Skambju awtomatizzat ta' data mal-Isvezja .....                                        | 24 |
| – Aġġornament ta' miżuri restrittivi .....                                               | 24 |

### *POLITIKA TA' SIGURTÀ U TA' DIFIŻA KOMUNI*

|                                                     |    |
|-----------------------------------------------------|----|
| – Armi ħfief u ta' kalibru żgħir .....              | 24 |
| – Ftehim qafas ta' parteċipazzjoni mal-Moldova..... | 24 |

### *AFFARIJET ĠENERALI*

|                                                              |    |
|--------------------------------------------------------------|----|
| – Klawnsola ta' eċċezzjoni tar-regolamenti tal-persunal..... | 25 |
| – Summits multilaterali – it-Trattat ta' Lisbona.....        | 25 |

### *AFFARIJET EKONOMIĊI U FINANZJARJI*

|                                                                          |    |
|--------------------------------------------------------------------------|----|
| – Adozzjoni ta' regoli finanzjarji ġodda għall-baġit annwali tal-UE..... | 25 |
|--------------------------------------------------------------------------|----|

*SAJD*

- Ftehim dwar is-sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Indjan - Pożizzjoni tal-UE.....26
- Organizzazzjoni reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku - Pożizzjoni tal-UE.....26

## **PARTEĊIPANTI**

### **Belġju:**

Is-Sinjura Maggie DE BLOCK

Is-Sur Dirk WOUTERS

### **Bulgarija:**

Is-Sur Tsvetan TSVETANOV

Is-Sinjura Diana KOVATCHEVA

### **Repubblika Ċeka:**

Is-Sur Jan KUBICE

Is-Sur Daniel VOLÁK

### **Danimarka:**

Is-Sur Morten BØDSKOV

Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN

### **Ġermanja:**

Is-Sur Ole SCHROEDER

Is-Sur Peter TEMPEL

### **Estonja:**

Is-Sur Ken-Marti VAHER

Is-Sur Kristen MICHAL

### **Irlanda:**

Is-Sur Alan SHATTER

### **Greċja:**

Is-Sur Nikolaos DENDIAS

Is-Sur Konstantinos KARAGOUNIS

### **Spanja:**

Is-Sur Fernando ROMÁN GARCÍA

Is-Sur Ignacio ULLOA RUBIO

### **Franza:**

Is-Sinjura Christiane TAUBIRA

Is-Sur Philippe ETIENNE

### **Italja:**

Is-Sur Ferdinando NELLI FEROCI

### **Ċipru:**

Is-Sinjura Eleni MAVROU

Is-Sur Loukas LOUCA

### **Latvja:**

Is-Sur Rihards KOZLOVSKIS

Is-Sur Mārtiņš LAZDOVSKIS

### **Litwanja:**

Is-Sur Gintaras VYŠNIAUSKAS

Is-Sur Tomas VAITKEVICIUS

### **Lussemburgu:**

Is-Sur Jean-Marie HALSDORF

Is-Sur François BILTGEN

Is-Sur Nicolas SCHMIT

### **Ungerija:**

Is-Sur Tibor NAVRACSICS

Is-Sur Károly KONTRÁT

### **Malta:**

Is-Sinjura Marlene BONNICI

Segretarju tal-Istat għall-Politika dwar il-Migrazzjoni u l-Asil u l-Integrazzjoni Soċjali  
Rappreżentant Permanenti

Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Intern  
Ministru tal-Ġustizzja

Ministru tal-Intern  
Viċi Ministru tal-Ġustizzja

Ministru tal-Ġustizzja  
Rappreżentant Permanenti

Segretarju Parlamentari tal-Istat għall-Ministru Federali tal-Intern  
Rappreżentant Permanenti

Ministru tal-Intern  
Ministru tal-Ġustizzja

Ministru tal-Ġustizzja u l-Ugwaljanza, Ministru tad-Difiża

Ministru tal-Ordni Pubblika u l-Protezzjoni taċ-Ċittadini  
Segretarju tal-Istat għall-Ġustizzja, it-Trasparenza u d-Drittijiet tal-Bniedem

Segretarju tal-Istat għall-Ġustizzja  
Segretarju tal-Istat għas-Sigurtà

Ministru tal-Ġustizzja  
Rappreżentant Permanenti

Rappreżentant Permanenti

Ministru tal-Intern  
Ministru tal-Ġustizzja u l-Ordni Pubblika

Ministru tal-Intern  
Segretarju tal-Istat, Ministeru tal-Ġustizzja

Viċi Ministru tal-Intern  
Viċi Ministru tal-Ġustizzja

Ministru tal-Intern  
Ministru tal-Ġustizzja  
Ministru tax-Xogħol, l-Impjiegi u l-Immigrazzjoni

Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Amministrazzjoni Pubblika u l-Ġustizzja  
Segretarju Parlamentari tal-Istat, Ministeru tal-Intern

Rappreżentant Permanenti

**Pajjiżi l-Baxxi:**

Is-Sur Gerd LEERS  
Is-Sur Fred TEEVEN

Ministru tal-Immigrazzjoni, l-Integrazzjoni u l-Asil  
Segretarju tal-Istat għas-Sigurtà u l-Ġustizzja

**Awstrija:**

Is-Sinjura Johanna MIKL-LEITNER  
Is-Sinjura Beatrix KARL

Ministru Federali tal-Intern  
Ministru Federali tal-Ġustizzja

**Polonja:**

Is-Sur Michal KRÓLIKOWSKI  
Is-Sur Marek PRAWDA

Viċi Segretarju tal-Istat, Ministeru tal-Ġustizzja  
Rappreżentant Permanenti

**Portugall:**

Is-Sur Fernando FERREIRA SANTO  
  
Is-Sur Domingos FEZAS VITAL

Segretarju tal-Istat għall-Amministrazzjoni tal-Ministeru  
tal-Ġustizzja  
Rappreżentant Permanenti

**Rumanija:**

Is-Sur Mircea DUSA  
Is-Sinjura Mona Maria PIVNICERU  
Is-Sur Marian TUTILESCU

Ministru tar-Relazzjonijiet mal-Parlament  
Ministru tal-Ġustizzja  
Segretarju tal-Istat, Kap tad-Dipartiment ta' Schengen,  
Ministeru tal-Amministrazzjoni u l-Affarijiet Interni

**Slovenja:**

Is-Sur Vinko GORENAK  
Is-Sur Rado GENORIO

Ministru tal-Intern  
Rappreżentant Permanenti

**Slovakkja:**

Is-Sur Tomáš BOREC  
Is-Sur Ivan KORČOK

Ministru tal-Ġustizzja  
Rappreżentant Permanenti

**Finlandja:**

Is-Sinjura Anna-Maja HENRIKSSON  
Is-Sinjura Marjo ANTTOORA

Ministru tal-Ġustizzja  
Segretarju tal-Istat, Ministeru tal-Intern

**Svezja:**

Is-Sinjura Beatrice ASK  
Is-Sur Tobias BILLSTRÖM  
Is-Sur Martin VALFRIDSSON

Ministru tal-Ġustizzja  
Ministru tal-Migrazzjoni  
Segretarju tal-Istat għall-Ġustizzja

**Renju Unit:**

Is-Sur Chris GRAYLING  
Is-Sinjura Theresa MAY  
Is-Sur Frank MULHOLLAND

Segretarju tal-Istat għall-Ġustizzja  
Segretarju tal-Istat għad-Dipartiment tal-Intern  
Lord Advocate għall-Iskozja

**Kummissjoni:**

Is-Sinjura Viviane REDING  
Is-Sinjura Cecilia MALMSTRÖM  
Is-Sinjura Kristalina GEORGIEVA

Viċi President  
Membru  
Membru

## PUNTI LI ĠEW DISKUSSI

### Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA)

Il-Kunsill ġie mgħarraf f'sessjoni pubblika dwar is-sitwazzjoni attwali tan-negozjati dwar id-diversi proposti leġislattivi pendenti rigward is-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA), abbażi ta' dokument tal-Presidenza ([14823/12](#)).

Is-sitwazzjoni fir-rigward tal-erba' fajls pendenti tista' tiġi deskritta kif ġej:

- Intlaħaq ftehim politiku dwar id-direttiva dwar il-**kondizzjonijiet ta' akkoljenza**. Dan il-ftehim politiku ġie adottat fil-Kunsill mingħajr diskussjoni (bħala punt A) ([14112/1/12](#)). Dan jirrifletti bis-sħiħ ir-riżultat tan-negozjati mal-Parlament Ewropew. Ladarba jiġu formalment adottati miż-żewġ koleġislaturi, l-Istati Membri ser ikollhom l-obbligu li jitttrasponu d-dispożizzjonijiet il-ġodda fil-liġi nazzjonali fi żmien sentejn. Id-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit mhumie x marbutin mid-Direttiva.

Għal aktar informazzjoni ara [14556/12](#).

- Ġew iffinalizzati wkoll in-negozjati bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew dwar is-sustanza tar-**Regolament ta' Dublin**. L-unika kwistjoni pendenti hija marbuta mal-proċedura ta' kumitat, jiġifieri jekk għandhomx jintużaw atti delegati jew ta' implimentazzjoni. Saret l-ewwel laqgħa teknika dwar din il-kwistjoni mal-Parlament Ewropew u l-Presidenza biħsiebha tilħaq qbil finali sa tmiem is-sena.

Ir-Regolament ta' Dublin jistabbilixxi l-proċeduri biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali. Ir-regoli l-ġodda ser jintroduċu mekkaniżmu għal twissija bikrija, tħejjija u ġestjoni tal-kriżijiet. Dan il-mekkaniżmu għandu l-għan li jevalwa l-funzjonament Prattiku tas-sistemi nazzjonali tal-asil, jassisti lil Stati Membri fil-bżonn u jevita kriżijiet tal-asil. Il-mekkaniżmu jikkonċentra fuq l-adozzjoni ta' miżuri li jevitaw l-iżvilupp ta' kriżijiet tal-asil, pjuttost milli jindirizza l-konsegwenzi ta' tali kriżijiet ladarba jkunu seħħew.

Biex jiġi kkomplementat il-mekkaniżmu għal twissija bikrija, tħejjija u ġestjoni tal-kriżijiet inkluż fir-Regolament emendat ta' Dublin, f'Marzu 2012 il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar qafas komuni għal solidarjetà ġenwina u Prattika lejn Stati Membri li qed iħabbtu wiċċhom ma' pressjonijiet partikolari fuq is-sistemi tal-asil tagħhom, inkluż minħabba flussi migratorji mħallta ([7485/12](#)). Dawn il-konklużjonijiet huma maħsubin biex jikkostitwixxu sett ta' għodod għas-solidarjetà madwar l-UE kollha lejn dawk l-Istati Membri l-aktar affettwati minn tali pressjonijiet u/jew li qed jiltaqgħu ma' problemi fis-sistemi tal-asil tagħhom.

- F'Ġunju, il-Kummissjoni ressqet il-proposta l-ġdida tagħha għal **Regolament Eurodac** rivedut ([10638/12](#)) li jippermetti li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jaċċedu għal din il-bażi ta' data ċentrali ta' marki tas-swaba', mifruxa mal-UE kollha, soġġett għal kondizzjonijiet stretti dwar il-protezzjoni tad-data, għall-finijiet tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata. In-negozjati bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew ser jibdwu fil-jiem li ġejjin.
- Sar aktar progress fin-negozjati mal-Parlament Ewropew bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar id-**direttiva dwar il-proċeduri tal-asil** qabel tmiem is-sena. Fl-1 ta' Ġunju 2011 tressqet proposta riveduta tad-Direttiva mill-Kummissjoni ([11207/11](#)).

Diġà ġew adottati erba' ftehimiet u deċiżjonijiet oħra relatati mas-SEKA. Dawn jirrigwardaw:

- Id-[Direttiva dwar il-kwalifiki](#) li tipprevedi standards aħjar, aktar ċari u aktar armonizzati għall-identifikazzjoni tal-persuni li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali li ġiet adottata f'Novembru 2011 u daħlet fis-seħħ f'Jannar 2012.
- Id-[Direttiva dwar residenza fit-tul](#) li ġiet adottata f'April 2011.
- Il-ħolqien tal-[Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil \(EASO\)](#) li beda jopera fir-rebbieġha 2011.
- Id-Deċiżjoni meħuda f'Marzu 2012 li tistabbilixxi [prijoritajiet komuni tal-UE ta' risistemazzjoni għall-2013](#) kif ukoll regoli ġodda dwar il-finanzjament tal-UE għal attivitajiet ta' risistemazzjoni mwettqin mill-Istati Membri.

Rigward il-kuntest ġenerali, għandu jitfakkar li l-Kunsill Ewropew ikkonferma fil-konklużjonijiet tiegħu f'Ġunju 2011 li n-negozjati dwar id-diversi elementi tas-SEKA għandhom jiġu konklużi sal-2012 ([EUCO 23/11](#)).

### **Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili**

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni pubbliku dwar proposta biex jiġi stabbilit Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili abbażi ta' dokument tal-Presidenza ([14445/12](#)). Il-proposta inizjali tressqet mill-Kummissjoni f'Diċembru 2011 ([18919/11](#)).

Il-proposta għandha l-għan li tiegħu post il-leġislazzjoni attwali f'dan il-qasam - id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar Strument Finanzjarju għall-Protezzjoni Ċivili tal-5 ta' Marzu 2007 ([ĠUL 71, 10.3.2007](#)) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Mekkaniżmu Komunitarju tal-Protezzjoni Ċivili (imfassla mill-ġdid) tat 8 ta' Novembru 2007 ([ĠUL 314, 1.12.2007](#)) - sabiex ittejjeb l-effettività u l-kosteffiċjenza tas-sistemi li jipprevjenu, iħejjju u jirreaġixxu għal diżastri ta' kull xorta naturali u kkawżati mill-bniedem fl-Unjoni u l-barra minnha.

Il-Kunsill qabel li għandu jingħata bidu għal proċess gradwali biex tiġi rrinfurzata l-politika ta' prevenzjoni billi jiġi żviluppat approċċ għall-ġestjoni tad-diżastri bbażata fuq ir-riskji fl-Istati Membri kollha, filwaqt li jitqiesu d-differenzi fil-politiki tagħhom ta' valutazzjoni tar-riskji u ta' pjanifikazzjoni.

Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-livell ta' impenn meħtieġ mill-Istati Membri u l-inċentivi finanzjarji possibbli mill-baġit tal-UE għall-konsorzjament volontarju propost ta' assi ta' reazzjoni tal-Istati Membri.

Il-Kunsill qabel li kien importanti għad-disponibbiltà tal-assi li dawn ikunu prevedibbli u qabel li l-appoġġ finanzjarju mill-baġit tal-UE jista' jgħin inkentivi utli għall-Istati Membri biex jagħmlu l-assi disponibbli għall-konsorzjament volontarju.

Fl-aħħar, il-Kunsill qabel ukoll li jkoll proċess li bih il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, għandha tidentifika lakuni sinifikanti fil-kapaċità ta' reazzjoni fil-konsorzjament volontarju u, jekk jiġu identifikati lakuni, ser jikkunsidra l-alternattivi disponibbli kollha li jinsabu fid-dokument tal-Presidenza msemmi hawn fuq biex jindirizza dawn il-lakuni bl-aktar mod effettiv.

Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili ġie stabbilit fl-2001. Dan jiddependi minn riżorsi li jiġu amministrati fil-livell nazzjonali jew reġjonali mill-awtoritajiet tat-32 stat parteċipant (UE27 + l-Islanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja, il-Kroazja u FYROM). Sa mill-ħolqien tiegħu l-mekkaniżmu ġie attivat 'il fuq minn 150 darba biex jgħin pajjiżi fl-UE u barra minnha għal tipi differenti ta' diżastri li jvarjaw minn maltemp, għargħar u terremoti għal nirien fil-foresti u nixfa. Il-mekkaniżmu ppermetta wkoll li jitħarrġu aktar minn 2000 espert fil-qasam tal-protezzjoni ċivili u li jiġu organizzati għadd kbir ta' eżerċizzji.

### **Adeżjoni ma' Schengen: Rumanija / Bulgarija**

Il-Kunsill ġie infurmat dwar is-sitwazzjoni attwali rigward id-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija kif ukoll dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri identifikati li jwasslu għat-tkabbir b'suċċess taż-żona ta' Schengen sabiex jiġu inklużi ż-żewġ pajjiżi.

S'issa għadha ma tteħditx deċiżjoni dwar l-adeżjoni taż-żewġ pajjiżi minħabba li l-unanimità meħtieġa għadha ma ntlaħqitx.

Il-proposta attwali tissuġġerixxi approċċ f'żewġ fażijiet: L-ewwel fażi - il-kontrolli fuq in-nies jitneħħew fuq il-fruntieri interni tal-baħar u tal-ajru ma u bejn il-Bulgarija u r-Rumanija; fl-istess waqt, iż-żewġ pajjiżi jingħaqdu bis-sħiħ fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS). Il-fażi li jmiss - jitneħħew kontrolli fuq in-nies fil-fruntieri interni fuq l-art.

Fil-laqgħa tiegħu tal-1-2 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew, filwaqt li jfakkar fid-diskussjonijiet tiegħu fl-2011, tenna li ntlaħqu l-kondizzjonijiet legali kollha biex tittieħed id-deċiżjoni dwar l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija għaż-żona Schengen. Il-Kunsill Ewropew irrikonoxxa wkoll l-isforzi kontinwi meħudin mill-Bulgarija u r-Rumanija.

B'rabta ma' dan, il-Kunsill Ewropew talab lill-Kunsill biex, matul il-perijodu ta' intervenzjoni, jidentifika u jimplimenta miżuri li jikkontribwixxu għat-tkabbir b'suċċess taż-Żona Schengen biex tkun tinkludi r-Rumanija u l-Bulgarija.

### **Sirja: Programm Reġjonali ta' Protezzjoni**

Il-Kunsill laqa' b'mod unanimu l-ħidma tal-Kummissjoni fir-rigward tal-istabbiliment ta' Programm ta' Protezzjoni Reġjonali (PPR) b'reazzjoni għall-kriżi Sirjana u ta lill-Kummissjoni l-kompitu biex tistabbilixxi l-programm kemm jista' jkun malajr. Il-mira ta' dan il-PPR hija li jiġu appoġġati s-Sirja u l-ġirien tagħha biex jistabbilixxu kapaciċitajiet dewwiema biex jindirizzaw l-effetti tal-kriżi fuq perijodu medju u fit-tul. Il-Ministri saħqu li koordinazzjoni mill-qrib ma' organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-UNHCR kienet tal-akbar importanza.

Il-Kunsill eżamina wkoll żviluppi li qed jirriżultaw mill-kriżi Sirjana b'mod aktar ġenerali. Dan jippermetta lill-ministri jirrapportaw dwar kif il-kriżi qed ikollha impatt fl-Istati Membri tagħhom f'termini ta' movimenti migratorji u kif ser jirreaġixxu għal dawn l-iżviluppi.

L-UE u l-Istati Membri tagħha kienu attivi ferm fl-għoti ta' għajjnuna umanitarja fir-reġjun sa mill-bidu tal-kriżi. S'issa, l-UE u l-Istati Membri tagħha għamlu disponibbli 'l fuq minn € 230 miljun. - aktar minn 50 % tal-għajjnuna internazzjonali kollha - għal miżuri immedjati ta' appoġġ li jvarjaw mill-provvista ta' ikel u ilma, għal kenn u kura tas-saħħa.

Skont il-UNHCR, hemm aktar minn 350,000 refuġjat telqu mis-Sirja, l-aktar qasmu l-fruntieri u daħlu fil-pajjiżi ġirien (il-Ġordan, il-Libanu, l-Iraq u t-Turkija). Aktar minn 16,000 waslu fl-UE. Fis-Sirja, huwa stmat li l-għadd ta' persuni spustati huwa qrib 1.5 miljun. Meta wieħed iqis is-sitwazzjoni fil-pajjiż u l-perspettiva mhux ċara dwar kif din ser tevolvi, l-istimi tal-UNHCR ma jeskludux il-possibbiltà li l-għadd kemm tar-refuġjati kif ukoll tal-persuni spustati jista' jitla' għal aktar minn 700,000 u 2.5 miljuni, rispettivament.

Fil-15 ta' Ottubru 2012, il-Kunsill Affarijiet Barranin approva [konklużjonijiet](#) dwar is-Sirja fejn ikkonferma l-impenn tal-UE u tal-Istati Membri tagħha f'termini ta' għajnuna umanitarja.

### **Ġlieda kontra t-terroriżmu: Protezzjoni ta' miri faċli**

Il-Kunsill iddiskuta u adotta konklużjonijiet dwar il-protezzjoni ta' miri faċli minn attakki terroristiċi ([14591/12](#)).

L-għan ta' dawn il-konklużjonijiet huwa li jissottolinjaw l-importanza tal-protezzjoni ta' miri faċli u jħeġġu l-kooperazzjoni f'dan il-qasam.

### **Ġlieda kontra t-terroriżmu: Rabta bejn aspetti interni u esterni**

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport ta' implimentazzjoni dwar il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tar-rabtiet bejn l-aspetti interni u esterni tal-ġlieda kontra t-terroriżmu ([11075/11](#)).

Il-Kunsill impenja ruħu li janalizza fuq bażi regolari l-progress tal-inizjattivi kontra t-terroriżmu, bl-ewwel rapport jinħareġ f'Ġunju 2011. L-aktar rapport reċenti jiddeskrivi rakkomandazzjonijiet dwar miżuri possibbli biex jissaħħu aktar ir-rabtiet bejn l-aspetti interni u esterni.

### **Iffriżar u konfiska tar-rikavat minn attività kriminali**

Il-Kunsill innota s-sitwazzjoni attwali dwar l-abbozz ta' direttiva dwar l-iffriżar u l-konfiska tar-rikavat minn attività kriminali fl-UE, li għandha l-għan li tiffaċilita, għall-awtoritajiet nazzjonali, il-konfiska u l-irkupru tar-rikavat tal-kriminali mill-kriminalità trankonfinali u organizzata.

Sabiex isir aktar progress fil-ħidma fil-livell tal-esperti, il-Ministri kellhom diskussjoni, abbażi ta' dokument imħejji mill-Presidenza ([14826/12](#)), sabiex jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar il-kriterju adatt biex jiġi definit il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 4 dwar is-setgħat estenzi ta' konfiska.

Ġew ikkunsidrati diversi approċċi matul id-diskussjonijiet, bħall-introduzzjoni ta' kriterju bbażat fuq fattur oġġettiv, bħal filtru ta' benefiċċju ekonomiku, jew l-introduzzjoni ta' limitu tal-piena, l-estensjoni tal-applikazzjoni tad-dispożizzjoni għal tipi speċifiċi ta' reati biss, (kriminalità organizzata u terroriżmu) jew il-limitazzjoni tal-applikazzjoni tad-dispożizzjoni għal każijiet serji jew reati serji biss.

Fid-dawl tad-diskussjoni, il-korpi preparatorji tal-Kunsill ser ikomplu jespjoraw il-mod l-aktar adatt biex tkun limitata l-applikazzjoni tad-dispożizzjoni dwar is-setgħat estenzi ta' konfiska għal reati serji.

Il-Presidenza Ċiprijotta biħsiebha tilħaq kompromess sa tmien is-sena rigward test li jista' jkun il-bażi għan-negozjati mal-Parlament Ewropew taħt il-proċedura leġislattiva ordinarja.

### **Kriminalità finanzjarja u investigazzjonijiet finanzjarji**

Il-Kunsill iddiskuta r-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fir-rapport finali dwar il-ħames ċiklu ta' evalwazzjonijiet reċiproċi, li kien iddedikat għall-kriminalità finanzjarja u l-investigazzjonijiet finanzjarji ([12657/2/12 REV2](#)).

Abbażi ta' dokument mill-Presidenza ([14597/12](#)), il-Ministri kkunsidraw kif inizjattivi fil-qasam tal-liġi kriminali jistgħu jikkontribwixxu għall-ġlieda msaħħa kontra l-kriminalità organizzata.

Il-Ministri enfasizzaw li l-kriminalità organizzata transnazzjonali tibqa' waħda mill-isfidi prinċipali li tipperikola l-ħolqien ta' spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Ir-rapport finali dwar il-ħames ċiklu ta' evalwazzjonijiet reċiproċi indirizza aspett ċentrali ta' dan u ffoka fuq il-kriminalità finanzjarja u l-investigazzjonijiet finanzjarji.

Sa mill-1996, il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni reċiproka ntuża għall-evalwazzjoni tal-applikazzjoni u l-implimentazzjoni fil-livell nazzjonali tal-impriżi internazzjonali fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata.

## **Stat tal-problema tad-droga**

Il-Kunsill sema' preżentazzjoni mid-Direttur taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA) tar-rapport tiegħu tal-2012 dwar is-sitwazzjoni tal-problema tad-droga fl-Ewropa.

Ir-rapporti annwali tal-EMCDDA jipprovdu d-data u l-kummentarji l-aktar reċenti dwar is-sitwazzjoni tad-droga fis-27 Stat Membru tal-UE, fin-Norveġja, il-Kroazja u t-Turkija. Jiġu diskussi l-isfidi ewlenin flimkien ma' uħud mill-prassi promettenti li tintuża biex jiġu indirizzati l-problemi tad-droga illum il-għurnata. Ir-rapport tal-2012 ser jinħareġ f'Lisbona fil-15 ta' novembru 2012.

## **Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE**

Il-Kunsill ħa nota tal-proposta għal direttiva dwar il-ġlieda kontra l-frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali, li ġiet ippreżentata mill-Kummissjoni Ewropea. L-għan tal-proposta ([12683/12](#)) hu li jingħata deterrent għal min iwettaq frodi, tittejjeb il-prosekuzzjoni u s-sanzjonar tar-reati kontra l-baġit tal-UE, u jiġi ffaċilitat l-irkupru ta' fondi tal-UE li ma ntużawx b'mod xieraq, biex b'hekk tiżdied il-protezzjoni tal-flus ta' min iħallas it-taxxa fl-UE.

Id-direttiva proposta ttiprovdi definizzjonijiet komuni ta' għadd ta' reati kontra l-baġit tal-UE u perijodi komuni ta' preskrizzjoni, li fiż-żmien tagħhom għandu jiġi investigat il-każ u ssir il-prosekuzzjoni, kif ukoll sanzjonijiet minimi, inkluż il-ħabs għall-każijiet l-aktar serji biex jissaħħaħ l-effett ta' deterrent. Dawn ir-regoli komuni għandhom jgħinu, skont il-proposta tal-Kummissjoni, biex jiġu żgurati kondizzjonijiet ugwali kif ukoll investigazzjoni u prosekuzzjoni mtejbja fl-UE kollha.

Il-proposta għandha l-għan li tiddefinixxi reati bħall-frodi u reati oħra relatati mal-frodi bħall-korruzzjoni attiva u passiva, il-miżapproprjazzjoni tal-fondi, il-ħasil tal-flus u t-tfixkil tal-proċeduri tal-akkwist pubbliku għad-detriment tal-baġit tal-UE. Hija tissuġġerixxi li l-Istati Membri għandhom jimponu sanzjoni minima ta' sitt xhur priġunerija għal każijiet serji (l-Artikolu 8), u piena massima ta' mill-inqas 10 snin priġunerija f'każ li r-reat ikun twettaq fi ħdan organizzazzjoni kriminali. Sabiex tgħin fl-irkupru tal-fondi, tipprevedi l-konfiska tar-rikavat ta' dawn ir-reati (l-Artikolu 10). Barra minn hekk, tissuġġerixxi perijodi ta' preskrizzjoni itwal għar-reati ddefiniti (l-Artikolu 12), fid-dawl tal-fatt li hu tal-akbar importanza li jingħata żmien adegwat għall-investigazzjoni f'każijiet transkonfinali kumplessi.

Il-maġġoranza tal-Istat Membri appoġġaw l-ispinta essenzjali u l-oġġettivi tal-abbozz ta' direttiva. Diversi Stati Membri u s-servizz legali tal-Kunsill argumentaw li l-bażi legali tal-proposta għandha tkun l-Artikolu 83(2) minflok l-Artikolu 325(4) kif propost mill-Kummissjoni. Minbarra dan, diversi delegazzjonijiet esprimew ukoll tħassib dwar, b'mod partikolari, l-introduzzjoni ta' piena minima, il-livell tal-pieni kif ukoll il-perijodi ta' preskrizzjoni komuni.

Il-Presidenza tat struzzjonijiet lill-korpi preparatorji tal-Kunsill biex jibdew jaħdmu fuq dawn il-kwistjonijiet kollha.

### **Ipproċessar ta' data personali**

Il-Kunsill ħa nota tas-sitwazzjoni attwali tal-proposta għal Regolament dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) ([5853/12](#)).

Matul id-dibattitu tqajmet il-kwistjoni tal-għażla tal-istrument legali. Xi delegazzjonijiet esprimew il-preferenza tagħhom għal direttiva minflok regolament peress li din tipperemtti aktar flessibbiltà fejn meħtieġa. Madankollu, delegazzjonijiet oħrajn ippreferew l-għażla ta' regolament, kif propost mill-Kummissjoni.

Il-Ministri diġà ddiskutew din il-proposta fil-laqgħa ministerjali informali tagħhom f'Lulju abbażi ta' tliet kwistjonijiet: il-piż amministrattiv, il-ħtieġa għal trattament speċjali għas-settur pubbliku u għadd ta' atti ddelegati.

Il-proposta hija s-suġġett ta' diskussjonijiet approfonditi minn esperti fil-Grup ta' Ħidma dwar il-Protezzjoni tad-Data, li bdew taħt il-Presidenza Daniża u ser ikomplu taħt il-Presidenza Irlandiża.

### **Abbuż minn informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq**

Il-Kunsill ħa nota tas-sitwazzjoni attwali dwar il-proposta għal direttiva dwar sanzjonijiet kriminali għal abbuż minn informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq ("Direttiva dwar l-Abbuż tas-Suq") ([16000/11](#)). Abbażi ta' dokument imħejji mill-Presidenza ([14598/12](#)), il-Ministri kellhom skambju ta' fehmiet sabiex jagħtu gwida għal negozjati ulterjuri.

L-abbozz ta' Direttiva jistabbilixxi regoli minimi għal sanzjonijiet kriminali għall-iżjed reati serji ta' abbuż tas-suq, jiġifieri abbuż minn informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq. Dan johlq obbligu għall-Istati Membri li jiżguraw li dawn l-azzjonijiet ikunu punibbli bħala reati kriminali.

Matul id-dibattitu, il-Ministri indirizzaw waħda mill-aktar kwistjonijiet rilevanti li għandha ma ssolvietx, jiġifieri l-prinċipju ta' *ne bis in idem*. B'mod partikolari, huma ffukaw fuq ir-relazzjoni mar-reati amministrattivi previsti fil-MAR u dwar kif jiġi żgurat, f'din is-sitwazzjoni, li l-applikazzjoni tal-MAR u l-MAD ma tipperikolax il-prinċipju ta' *ne bis in idem*, f'każijiet fejn jistgħu jiġu (jew ġew) applikati tipi differenti ta' sanzjonijiet għall-istess fatti.

Il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet ikkunsidraw il-protezzjoni tal-prinċipju *ne bis in idem* bħala rilevanti fir-rigward tal-proposti MAR u MAD. Maġġoranza tad-delegazzjonijiet ikkunsidraw li l-kompitu tal-protezzjoni tal-prinċipju għandu jitħalla għal kull Stat Membru meta jimplimenta d-direttiva u japplikaha f'każijiet individwali. Madankollu xi delegazzjonijiet ikkunsidraw li għandha tinstab soluzzjoni fil-livell tal-UE.

Din il-proposta ppreżentata mill-Kummissjoni f'Ottubru 2011 tagħmel parti minn "pakkett" usa' ta' miżuri, inkluża direttiva dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji - "MiFID" ([15939/11](#)); regolament dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u OTC - "MiFIR" ([15938/11](#)), u regolament dwar abbuż minn informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq - "MAR" ([16010/11](#)), li jistabbilixxi qafas regolatorju dwar l-abbuż tas-suq.

**Affarijiet oħra**

Il-Kunsill ġie infurmat dwar is-sitwazzjoni attwali ta' għadd ta' proposti leġislattivi, inkluż:

- ir-regolamenti proposti dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni;
- l-Inizjattiva tar-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Renju tal-Isvezja rigward l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew;
- l-abbozz ta' Direttiva dwar id-dritt ta' aċċess għal avukat fi proċedimenti kriminali u d-dritt ta' komunikazzjoni mal-arrest;
- l-abbozz ta' regolamenti li jstabbilixxu l-Programm għall-Ġustizzja u l-Programm għad-Drittijiet, l-Ugwaljanza u ċ-Ċittadinanza għall-perijodu 2014 sa 2020;
- l-abbozz ta' Regolament dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (Tfassil mill-ġdid) (Brussell I).

Il-Kummissjoni tat preżentazzjoni dwar it-traffikar illiċitu ta' armi tan-nar u għarrfet lill-ministri dwar l-implimentazzjoni tal-istrumenti ta' rikonoxximent reċiproku.

L-Ungerija infurmat lill-Ministri dwar il-konferenza ministerjali tal-Forum ta' Salzburg li saret f'Budapest fil-11 u t-12 ta' Ottubru 2012.

## **Kumitat Imħallat**

Fil-marġni tal-laqgħa tal-Kunsill, il-Kumitat Imħallat (l-UE flimkien man-Norveġja, l-Islanda, il-Liechtenstein u l-Isvizzera) iddiskuta l-punti li ġejjin:

### **-Monitoraġġ wara l-liberalizzazzjoni tal-viża għall-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent**

Il-kumitat iddiskuta t-tielet rapport tal-Kummissjoni dwar il-monitoraġġ wara l-liberalizzazzjoni tal-viża għall-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent.

Id-delegazzjonijiet esprimew tħassib dwar żieda konsiderevoli f'applikazzjonijiet għall-asil, il-biċċa l-kbira tagħhom infondati, minn ċittadini ta' bosta pajjiżi tal-Balkani tal-Punent u enfasizzaw l-importanza li jitressqu miżuri biex jirrimedjaw is-sitwazzjoni. Fost affarijiet oħra, ġie meqjus li d-djalogu mal-pajjiżi kkonċernati huwa importanti ħafna, u l-Kummissjoni kkonfermat li s-suġġet ser jiġi indirizzat waqt il-forum ministerjali li jmiss dwar il-ġustizzja u l-affarijiet barranin bejn l-UE u l-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent li ser isir fil-5 u s-6 ta' Novembru 2012 f'Tirana, l-Albanija.

F'dan il-kuntest, numru kbir ta' delegazzjonijiet talbu wkoll biex jitħaffu n-negozjati attwali mal-Parlament Ewropew dwar emendi għar-regoli li jirregolaw ir-reġim mingħajr l-obbligu ta' viża tal-UE. Il-Kummissjoni ressqet il-proposta tagħha biex jiġu emendati r-regoli eżistenti f'Mejju 2011. Hija tikkonċerna r-Regolament Nru 539/2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni (Anness I għar-regolament) u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżentati minn dik il-ħtieġa (Anness II għar-regolament) ([10834/11](#)).

Id-diskussjonijiet bejn il-Kunsill u l-Parlament bdew f'Jannar 2012. Dawn jiffukaw fuq l-introduzzjoni ta' klawżola ta' salvagwardja li tippermetti l-introduzzjoni mill-ġdid temporanja tar-rekwiżit ta' viża - f'ċirkustanzi speċifiċi - għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li normalment jistgħu jivvjaġġaw għall-UE mingħajr viża (dawk il-pajjiżi fl-Anness II). Ir-regoli l-ġodda jsaħħu wkoll il-kunċett ta' reċiproċità, jiġifieri x'għandu jiġri f'sitwazzjonijiet fejn pajjiż f'Anness II jintroduċi mill-ġdid rekwiżit ta' viża għal ċittadini ta' Stati Membri tal-UE partikolari jew l-UE kollha.

### **-Adezzjoni ma' Schengen: Rumanija / Bulgarija**

Il-Kunsill ġie infurmat dwar is-sitwazzjoni attwali rigward id-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija kif ukoll dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri identifikati li jwasslu għat-tkabbir b'suċċess taż-żona ta' Schengen sabiex jiġu inklużi ż-żewġ pajjiżi.

S'issa għadha ma tteħditx deċiżjoni dwar l-adeżjoni taż-żewġ pajjiżi minħabba li l-unanimità meħtieġa għadha ma ntlaħqitx.

Il-proposta attwali tissuġġerixxi approċċ f'żewġ fażijiet: L-ewwel fażi - il-kontrolli fuq in-nies jitneħħew fuq il-fruntieri interni tal-baħar u tal-ajru ma u bejn il-Bulgarija u r-Rumanija; fl-istess waqt, iż-żewġ pajjiżi jingħaqdu bis-sħiħ fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS). Il-fażi li jmiss - jitneħħew kontrolli fuq in-nies fil-fruntieri interni fuq l-art.

Fil-laqgħa tiegħu tal-1-2 ta' Marzu 2012, il-Kunsill Ewropew, filwaqt li jfakkar fid-diskussjonijiet tiegħu fl-2011, tenna li ntlaħqu l-kondizzjonijiet legali kollha biex tittieħed id-deċiżjoni dwar l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija għaż-żona Schengen. Il-Kunsill Ewropew irrikonoxxa wkoll l-isforzi kontinwi meħudin mill-Bulgarija u r-Rumanija.

B'rabta ma' dan, il-Kunsill Ewropew talab lill-Kunsill biex, matul il-perijodu ta' intervenzjoni, jidentifika u jimplimenta miżuri li jikkontribwixxu għat-tkabbir b'suċċess taż-Żona Schengen biex tkun tinkludi r-Rumanija u l-Bulgarija.

### **-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali tal-Greċja dwar ir-Riforma tal-Asil u l-Ġestjoni tal-Migrazzjoni**

Il-ministru Grieg, il-Kummissjoni, l-aġenzija Ewropea għas-sorveljanza tal-fruntieri (Frontex) u l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil (EASO) infurmaw lill-Kunsill bil-progress fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni nazzjonali Grieg dwar l-asil u l-migrazzjoni. Il-Kummissjoni, b'mod partikolari, infurmat lill-Ministri dwar iż-żjara l-iktar riċenti tagħha f'Ateni u fir-reġjun Evros.

Id-delegazzjonijiet laqgħu l-progress li sar mill-Greċja fl-aħħar xhur f'ċirkustanzi finanzjarji diffiċli u saħqu li dan il-momentum m'għandux jintilef.

### **-Immigrazzjoni illegali**

Il-Kunsill ġie mgħarraf mill-Frontex u mill-Kummissjoni bl-iżviluppi reċenti u t-tendenzi fir-rigward tal-immigrazzjoni illegali u kif dawn attwalment joqtu lill-UE.

**-SIS II**

Il-kumitat eżamina l-aħħar żviluppi rigward l-implimentazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen II (SIS II), li hija mistennija li tibda tiffunzjona fl-ewwel tliet xhur tal-2013.

Is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) hija bażi ta' data kondiviża mill-awtoritajiet tal-fruntieri u l-migrazzjoni u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-pajjiżi parteċipanti u fiha informazzjoni dwar persuni u dwar oġġetti mitlufa jew misruqa. Regoli stretti speċifiċi dwar il-protezzjoni tad-data japplikaw għas-SIS. Hija miżura kompensatorja għall-ftuħ tal-fruntieri interni skont il-Ftehim ta' Schengen, iżda hija meqjusa wkoll bħala fattur vitali ta' sigurtà fl-UE. Il-Kummissjoni Ewropea attwalment qed tiżviluppa t-tieni ġenerazzjoni tas-SIS, ġeneralment magħrufa bħala s-SIS II.

**-Affarijiet oħra**

Il-kumitat ġie infurmat dwar is-sitwazzjoni attwali rigward għadd ta' proposti leġiżlattivi, inkluż:

- ir-regolament għat-twaqqif ta' Sistema Ewropea tas-Sorveljanza tal-Fruntieri (EUROSUR);
- il-proposti leġiżlattivi relatati ma' Schengen li attwalment qed jiġu diskussi, li huma l-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen u l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen. Il-Kunsill adotta approċċ ġenerali dwar iż-żewġ punti fil-Kunsill ta' Ġunju (ara [10760/12](#), p. 9-12);
- l-emendi fir-rigward tar-reġim mingħajr l-obbligu ta' viża tal-UE (regolament 539/2001).

## **PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI**

### **ĠUSTIZZJA U AFFARIJIET INTERNI**

#### **Il-kondizzjonijiet ta' akkoljenza ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali**

Il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar ir-riformulazzjoni emendata tad-Direttiva dwar il-kondizzjonijiet ta' akkoljenza ([14112/1/12](#)).

It-test kif inhu issa huwa r-riżultat ta' negozjati mal-Parlament Ewropew u għandu jiġi aċċettat mingħajr emendi fit-tieni qari tal-Parlament Ewropew, soġġett għal verifika mill-ġuristi-lingwisti taż-żewġ istituzzjonijiet.

Għal aktar informazzjoni ara [14556/12](#).

#### **Traffikar tal-Bnedmin**

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet riveduti ([11838/6/12 REV6](#)) dwar l-Istrateġija l-għdida tal-UE lejn il-Qerda tat-Traffikar tal-Bnedmin (2012-2016) ([11780/12](#)), li tistieden lill-Istati Membri biex iżidu l-isforzi tagħhom biex jikkumbattu b'mod effettiv l-ittraffikar tal-bnedmin u jipproteġu l-vittmi tiegħu billi tissaħħaħ il-kooperazzjoni interna u esterna u billi jitqiesu l-ħames prijoritajiet identifikati fl-Istrateġija tal-UE.

#### **Azzjoni tal-UE dwar Pressjonijiet Migratorji**

Il-Kunsill ħa nota tal-“Azzjoni tal-UE dwar il-Pressjonijiet Migratorji - Risposta Strateġika” aġġornata ([9650/12](#)), li tinkludi lista ta' oqsma ta' prijorità strateġiċi fejn huwa meħtieġ li jiżdiedu u jiġu ssorveljati l-isforzi sabiex jiġu pprevenuti u kkontrollati pressjonijiet eżistenti li jirriżultaw mill-immigrazzjoni illegali, kif ukoll mill-abbuż tar-rotot ta' immigrazzjoni legali. L-intenzjoni tad-dokument hi li tingħata risposta għall-isfidi migratorji attwali b'mod tanġibbli u realistiku.

#### **Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar ir-Radikalizzazzjoni u r-Reklutaġġ**

Il-Kunsill approva l-Pjan ta' Implimentazzjoni aġġornat tal-Pjan ta' Azzjoni rivedut tal-UE dwar ir-Radikalizzazzjoni u r-Reklutaġġ, li għandu l-għan li jimplimenta l-Istrateġija tal-UE kontra t-terroriżmu. Dan jelenka miżuri li jistgħu jittieħdu mill-Istati Membri u diversi korpi tal-UE bil-għan li jipprevjenu u jiġġieldu r-radikalizzazzjoni għat-terroriżmu. Il-pjan ġie rivedut l-aħħar fl-2009.

## Ftehimiet ta' Kooperazzjoni mas-CEPOL

Il-Kunsill approva l-konklużjoni ta' żewġ ftehimiet ta' kooperazzjoni bejn il-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL) u:

- iċ-Ċentru ta' Taħriġ tal-Pulizija tal-Pulizija Statali Albaniża ([14422/12](#));
- l-Akkademja “Stefan Cel Mare” tal-Ministeru tal-Affarjiet Interni tar-Repubblika tal-Moldova ([14423/12](#)).

## EU CULTNET

Il-Kunsill adotta riżoluzzjoni dwar il-ħolqien ta' network informali ta' awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-kompetenza esperta fil-qasam ta' oġġetti kulturali ([14232/12](#)) bil-għan li tipprevjeni u tikkumbatti l-kriminalità fir-rigward ta' prodotti kulturali billi ssaħħaħ il-koordinazzjoni fil-livell nazzjonali bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk kulturali u l-organizzazzjonijiet privati (eż. ħwienet tal-antikitajiet, djar tal-irkant, irkant online).

Barra minn hekk, l-EU CULTNET jimmira li, f'konformità mar-regoli tal-protezzjoni tad-data, jidentifika u jikkondividi informazzjoni nonoperattiva dwar networks kriminali li huma suspettati li jkunu involuti fi traffikar illeċitu ta' oġġetti kulturali misruqa sabiex jiġu determinati r-rabtiet bejn tali networks u forom oħra ta' kriminalità (organizzata) u biex jiġu identifikati rotot, destinazzjonijiet, modus operandi u tipi ta' attivitajiet kriminali, f'kooperazzjoni mill-qrib ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, bħall-Europol, Eurojust, Interpol u UNESCO.

## Skambju awtomatizzat ta' data ma' Ċipru

Il-Kunsill adotta deċiżjoni dwar it-tnedija ta' skambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' data dattiloskopika ([13676/12](#)) u data dwar id-DNA ([13677/12](#)) f'Ċipru. Il-proċedura ta' evalwazzjoni rikjesta mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI<sup>1</sup> kkonkludiet li d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data ġew implimentati bis-sħiħ minn Ċipru u għalhekk huwa intitolat li jibda jirċievi u jipprovdi data personali għall-finijiet tal-prevenzjoni u l-investigazzjoni ta' reati kriminali, mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

---

<sup>1</sup> [ĠU L 210, 6.8.2008.](#)

## **Skambju awtomatizzat ta' data mal-Isvezja**

Il-Kunsill adotta deċiżjoni dwar it-tneċċija ta' skambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' Data dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Vetturi (VRD) fl-Isvezja ([14135/12](#)). Il-proċedura ta' evalwazzjoni rikjesta mid-deċiżjoni 2008/616/ĠAI<sup>1</sup> kkonkludiet li d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data ġew kompletament implimentati mill-Isvezja u għalhekk huwa intolat jirċievi u jipprovdi data personali għall-prevenzjoni u l-investigazzjoni ta' reati kriminali, mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-deċiżjoni.

## **Aġġornament ta' miżuri restrittivi**

Il-Kunsill adotta d-dikjarazzjonijiet aġġornati tar-raġunijiet dwar persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti taħt ir-Regolament tal-Kunsill 2580/2001<sup>2</sup> bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu. Huwa ħa nota wkoll ta' ittra ta' notifika li għandha tintbagħat lill-persuni u l-gruppi kkonċernati. L-avviż korrispondenti ser jiġi ppublikat fil-Ġurnal Uffiċjali (serje "C").

Il-Kunsill hu rikjest li jeżamina mill-ġdid il-lista f'intervalli regolari u ta' inqas darbtejn fis-sena biex jiżgura li hemm raġunijiet biex jinżammu fuqha l-ismijiet ta' daww il-persuni, gruppi u entitajiet.

## **POLITIKA TA' SIGURTÀ U TA' DIFIŻA KOMUNI**

### **Armi ħfief u ta' kalibru żgħir**

Il-Kunsill alloka EUR 1,68 miljun b'appoġġ għall-attivitajiet biex jitnaqqas ir-riskju ta' kummerċ illeċitu u l-akkumulazzjoni eċċessiva ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir (SALW) fir-reġjun kopert mill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE). Il-proġetti jinkludu workshop reġjonali ta' taħriġ għal uffiċjali responsabbli li jiżguraw kontrolli fuq is-SALW u aġġornamenti tas-sigurtà għas-siti ta' ħżin ta' provvisti tas-SALW fil-Belarus u fil-Kyrgyzstan.

### **Ftehim qafas ta' parteċipazzjoni mal-Moldova**

Il-Kunsill jawtorizza l-iffirmar u l-konklużjoni ta' ftehim bejn l-UE u r-Repubblika ta' Moldova li jistabbilixxi qafas għall-partiċipazzjoni ta' Moldova f'operazzjonijiet ta' UE ta' maniġġar ta' kriżi.

<sup>1</sup> [ĠU L 210, 6.8.2008.](#)

<sup>2</sup> [ĠU L 344, 28.12.2001.](#)

## **AFFARIJIET ĠENERALI**

### **Klawsola ta' eċċezzjoni tar-regolamenti tal-persunal**

Il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar ir-rapport tal-Kummissjoni dwar il-klawsola ta' eċċezzjoni tal-Artikolu 10 tal-Anness XI għar-Regolamenti tal-Persunal ([14913/12](#)).

### **Summits multilaterali – it-Trattat ta' Lisbona**

Il-Kunsill approva ftehim milħuq mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti dwar kwistjonijiet ewlenin li jirriżultaw fl-organizzazzjoni ta' summits multilaterali, jiġifieri ma' gruppi ta' pajjiżi terzi, fid-dawl ta' bidliet miġjuba mit-Trattat ta' Lisbona.

Il-bidliet jaffetwaw ir-rappreżentazzjoni esterna tal-UE u għandhom konsegwenzi għall-ospitar u organizzazzjoni ta' laqgħat tas-summit. Dawn jinkludu implikazzjonijiet baġitarji.

Għal summits bilaterali ma' pajjiżi terzi individwali, l-arranġamenti għall-organizzazzjoni teknika u l-finanzjament twaqqfu fl-2010.

## **AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI**

### **Adozzjoni ta' regoli finanzjarji ġodda għall-baġit annwali tal-UE**

Il-Kunsill<sup>1</sup> adotta regolament bil-għan li jipprovdi regoli finanzjarji iktar sempliċi għall-baġit ta-UE filwaqt li jiżguraw trattament xieraq ta' flus-il kontribwenti Ewropej ([45/12](#) + [14800/12](#) [ADD 1](#) + [ADD 2](#) + [ADD 3](#)). Dan isegwi qbil fl-ewwel qari mal-Parlament Ewropew. Sabiex jidħlu fis-seħħ, ir-regoli l-ġodda jridu jiġu ppublikati fi *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Dawn isiru applikabbli mill-1 ta' Jannar 2013, l-istess ġurnata bħal tar-regoli ta' applikazzjoni li għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni fil-ġranet li ġejjin.

Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ara [15188/12](#).

---

<sup>1</sup> Id-delegazzjoni Olandiża astjeniet.

**SAJD****Ftehim dwar is-sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Indjan - Pożizzjoni tal-UE**

Il-Kunsill adotta deċizzjoni dwar l-istabbiliment tal-pożizzjoni tal-UE li għandha tiġi adottata fil-qafas tal-Ftehim dwar is-sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Indjan (SIOFA).

Is-SIOFA hu indirizzat biex jiżgura l-konservazzjoni fit-tul u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd minbarra t-tonn f'oqsma li jaqgħu barra l-ġurisdizzjonijiet nazzjonali fin-Nofsinhar tal-Oċean Indjan.

**Organizzazzjoni reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku - Pożizzjoni tal-UE**

Il-Kunsill adotta deċizzjoni dwar l-istabbiliment tal-pożizzjoni tal-UE li għandha tiġi adottata fil-qafas tal-organizzazzjoni reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku (SPRFMO)

Il-Kummissjoni tas-SPRFMO hi responsabbli għall-adozzjoni ta' miżuri mfassla biex jiżguraw il-konservazzjoni fit-tul u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tal-konvenzjoni biex jitnaqqas l-impatt tal-attivitajiet tas-sajd fuq l-ekosistemi tal-baħar.